BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 46**

**IT-TNEJN 20 T'AWWISSU, 2012**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar it-Tnejn 20 t'Awwissu, 2012, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, il-Viċi Sindku Alison Zerafa Civelli u **l-Kunsilliera** Roderick Mamo, John Vella, Pablo Cachia Belli u James Cauchi.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Raymond Balzan

Preżenti: Il-Perit William Lewis

**AĠENDA**

1. Arblu tal-Kunsill fi Triq it-8 ta' Diċembru

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**46/01** **<u>Arblu tal-Kunsill fi Triq it-8 ta' Diċembru</u>**

46/01/01 Is-Sindku is-Sur Joseph Scerri beda biex qal li waqt laqgħat li kellu mad-Direttur Ġenerali tal-MRRA kien miftiehem li l-arblu tal-kunsill fi Triq it-8 ta' Diċembru se jibqa fejn hu illum u mhux se jiġi spostat f'xi post ieħor. Għaldaqstant saret pjanta b'*superimposition* ta' l-arblu tal-kunsill kif ukoll l-arbli tal-festa tal-Kunċizzjoni. Ġara li minn dak iż-żmien 'l hawn il-pjanti ġew irranġati u t-triq tbiddlet minn kif oriġinarjament kienet.

46/01/02 Il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jikkunsidra jekk il-pożizzjoni ta' l-arblu titbiddilx u ġew proposti żewġ alternattivi:

1. Jew ħdejn it-taraġ prinċipali li jagħti għad-dħul tal-Birgu.

2. Jew fil-*green area* fuq ix-xellug tat-Triq 8 ta' Diċembru li twassal għall-Kalkara.

46/01/03 Il-Kunsill unanimament approva li l-perit tal-kunsill jiltaqa mal-Perit Mario Ellul tal-MRRA biex jiddiskuti l-ispostament tal-arblu li preferibilment l-arblu jitpoġġa fil-pożizzjoni nru 2 kif indikat hawn fuq.

Fid-7.50pm il-laqgħa ġiet iddikkjarata magħluqa.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv